**MARSAXLOKK**

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

## Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## Laqgħa tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar l-Erbgha 16 ta' Diċembru fil-5:00p.m.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum id-9 ta' Diċembru 2015
Nru 14

## Aġenda

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Korrispondenza
6. Materji u rapporti tal-Kumitati/Sotto-Kumitati
7. Rapporti minn Uffiċjali u membri tal-Kunsill Lokali
8. Rapport Finanzjarju ta' kull kwart (it-tielet kwart)
9. Performance appraisals tal-impjegati
10. Sejħiet għall-offerti/kwotazzjonijiet
11. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
12. Approvazzjoni ta' petty cash
13. Approvazzjoni ta' works/purchase orders
14. Mozzjonijiet
15. Milied 2015
16. Attivitajiet
17. Materji oħra
18. Aġġornament tal-laqgħa

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 14, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 16 ta' Diċembru 2015, fil-5:00 pm.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Viċi-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Janice Chetcuti ( J.C.)<br>Daniel Zerafa (D.Z.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |
| Skużat | Stephen Caruana (S.C.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 3

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajma mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Korrispondenza
6. Materji u rapporti tal-kumitati/Sotto-Kumitati
7. Rapporti minn Ufficjali u membri tal-Kunsill Lokali
8. Rapport Finanzjarju ta' kull kwart (it-tielet kwart)
9. Performance appraisals tal-impjegati
10. Sejhiet ghall-offerti/kwotazzjonijiet
11. Approvazzjoni ta' hlasijiet
12. Approvazzjoni ta' petty cash
13. Approvazzjoni ta' works/purchase orders
14. Mozzjonijiet
15. Milied 2015
16. Attivitajiet
17. Materji oħra
18. Aġġornament tal-laqgha

**Talba**

Is-Sur Horace Gauci flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**14/01** **Qari tal-Minuti**

14/01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 14, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

14/01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Horace Gauci issekondata mis-Sur Steven Grech, il-minuti gew approvati b'votazzjoni unanima

14/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**14/02** ***Arisings* mill-Minuti**

14/02/01 Is-Sur Horace Gauci qal illi rigward minuta 13/08/11, il-Kunsill Lokali kien ghadu qieghed jiddiskuti mal-kumpanija ARMS Ltd. kontijiet tad-dawl u l-ilma li kien ircieva l-Kunsill Lokali u li fl-opinjoni tieghu ma kienux gusti.

14/02/02 Is-Sur Horace Gauci qal illi b'konnessjoni ma' minuta 13/08/01, li kienet tikkoncerna sigar taz-zebbug fi Triq il-Port Ruman, apparti mill-e-mail mibghuta, kien kellem lill-Onor. Joe Mizzi

**14/03** **Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

14/03/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar it-3 ta' Dicembru 2015 kien attenda ghal laqgha li matulha kienet giet introdotta sistema ta' skill cards ghall-haddiema li kienu jahdmu fl-indstrija tal-kostruzzjoni.

14/03/02 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar l-4 ta' Dicembru 2015, gewwa Xrobb l-Ghagin kienu gew imhawla 53 sigra mill-E.T. Marie Louise Coleiro Preca, li kienu jirrapprezentaw il-53 pajjiz tal-Commonwealth

14/03/03 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar is-7 ta' Dicembru 2015 kien iltaqa' ma' rapprezentanti tal-Gvern Centrali rigward il-pjan ta' Rigenerazzjoni ghal Marsaxlokk. Is-Sindku spjega kif il-pjan kien inqasam f'sitt partijiet u kienu qieghdin isiru l-preparamenti mehtiega sabiex ix-xoghol fuq il-fazijiet inizjali tal-progett jinghataw bidu f'qasir zmien.

14/03/04 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar it-8 ta' Dicembru 2015, kienet giet organizzata gurnata loghob minn diversi skejjel tal-futbol gewwa Marsaxlokk. L-ghan tal-attivita', li ghaliha kien prezenti r-ragel tal-president, kien illi jingabru fondi ghall-*Malta Community Chest Fund.*

**14/04** **Mistoqsijiet lis-Sindku**

14/04/01 Ma kienx hemm

**14/05** **Korrispondenza**

14/05/01 E-mail datat 9 ta' Dicembru 2015 li permezz tieghu id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali illi bil-ghan illi jizdied l-uzu tal-internet, kull lokalita' kienet ser tkun qieghda tinghata l-opportunita' illi tidentifika zewg *Wifi Access points.*
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-access points ghal-lokalita' kellhom ikunu biswit *tourist information office* li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda u biswit l-ghassa tal-pulizija.

14/05/02 Permezz ta' e-mail datat 10 ta' Dicembru 2015 is-Sa. Anthea Attard minn Green MT ghaddiet lill-Kunsill Lokali rapport dwar l-iskart riciklabbli li kien ingabar mil-lokalita'.
Segwiet diskussjoni qasira dwar il-materja li matulha gie nnutat b'sodisfazzjon il-fatt illi l-kwantita' ta' skart riciklabbli kienet zdiedet konsiderevolment minn meta kienu tnehhew *bring-in-sites*.

14/05/03 Permezz ta' e-mail datat 11 ta' Dicembru 2015, is-Sur Kurt Gafa minn *Island Insurance Brokers Ltd.* informa lill-Kunsill Lokali illi l-polza ta' assikurazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet skadiet u talab lill-Kunsill Lokali jiehu decizjoni dwar jekk kenitx ser tigi estiza l-polza ezistenti.
Wara diskussjoni qasira, fuq proposta tas-Sur Horace Gauci issekondat mis-Sur Steven Grech u li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti, kien hemm qbil unanimu illi kellu jkun hemm estensjoni ta' sena ghall-polza ta' assikurazzjoni.

14/05/04 Permezz ta' e-mail datat 11 ta' Dicembru 2015, is-Sur Luke Borg, student ta' MCAST talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex isir *Flash Mob* fi Pjazza Madonna ta' Pompei f'Jannar 2015.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Borg.

14/05/05 Permezz ta' ittra datata 11 ta' Dicembru 2015, il-Kunsill Lokali informa lill-Fondazzjoni GalXlokk illi kienet giet approvata s-shubija tal-Kunsill Lokali mal-imsemmija Fondazzjoni ghall-perjodu 2014-2020.

14/05/06 Permezz ta' e-mail datat 11 ta' Dicembru 2015, is-Sa. Lucienne Cassar mid-Diaprtiment tas-Sajd u Akwakultura talbet lill-Kunsill Lokali jimmarka *loading/unloading bays* biswit pont li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda.
Wara diskussjoni qasira, gie stabbilit illi z-zona in-kwistjoni ma kenitx taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali u d-Dipartiment tas-Sajd kellu jkun infurmat rispettivament.

14/05/07 Permezz ta' notifiki datati 2 u 9 ta' Dicembru 2015, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat li kienet irceviet applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA4365/15, PA4659/15, PA4675/15 u PA3154/15.
Wara li gew evalwati d-dettalji tal-applikazzjonijiet, gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

14/05/08 Permezz ta' e-mail datat 4 ta' Dicembru 2015, minghand is-Sur Giovanni Basciano minn GAC Trapani, il-Kunsill Lokali gie mistieden sabiex jattendi ghal konferenza li kien ser ikun hemm b'konnessjoni mal-progett ITINERAMED.
Is-Sindku zied jghid illi wara li kienet giet evalwata l-proposta li kien ircieva l-Kunsill Lokali kien irrizulta illi Marsaxlokk kien eventwalment gie inkluz fil-progett u ghaldaqstant fl-opinjoni tieghu, kien essenzjali illi jkun hemm rapprezentanza ghall-konferenza, anke sabiex jigi stabbilit il-beneficcju li kien ser ikun qieghed joffri ITINERAMED lil Marsaxlokk. Wara diskussjoni qasira, gie stabbilit illi s-Sindku, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u s-Sa.Janice Chetcuti kellhom jattendu ghall-konferenza.

14/05/09 Permezz ta' e-mail datat 16 ta' Dicembru 2015, is-Sur Joe Attard min Green MT informa lill-Kunsill Lokali illi ma kienx ser ikun possibbli illi jsir il-gbir tal-iskart

riciklabbli gewwa borza griza kull nhar ta' Hamis hekk kif mitlub sakemm ma jkunx hemm tibdil fuq skala nazzjonali.

14/05/10 Permezz ta' e-mail datat 16 ta' Dicembru 2015, is-Sur Pio Farrugia mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali illi l-allokazzjoni finanzjarja ghal Marsaxlokk ghas-sena 2016 kienet ser tkun ta' €345 314

**14/06 Materji u rapporti minn kumitati/Sotto-Kumitati**

14/06/01 Ma kienx hemm

**14/07 Rapporti minn Ufficjali u Membri tal-Kunsill Lokali**

14/07/01 Ma kienx hemm

**14/08 Rapport finanzjarju ta' kull kwart (it-tielet kwart)**

14/08/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali flimkien mal-accountant kienu qieghdin jahdmu fuq ir-rapport finanzjaru ta' kull kwart ghall-perjodu Lulju-Settembru 2015. Madanakollu, kienet zviluppat hsara fil-programm tal-accounts (Sage Line 50)u x-xoghol ma setax jitkompla. Is-Sur Hall zied jghid illi kien qieghed isir kuntatt mal-kumpanija li tipprovdi s-software bil-ghan illi kemm il-darba ikun possibbli jissewwa' l-programm.

**14/09 Performance appraisals tal-impjegati**

14/09/01 Is-Sindku qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien evalwa ħidmet it-tliet impjegati klerikali tal-Kunsill Lokali. Huwa żied jgħid illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet tagħmel l-almu tagħha sabiex toffri l-aħjar servizz possibbli lir-residenti u l-performance tagħhom kienet teċċedi l-ħidma mitluba minnhom.

Is-Sur Daniel Zerafa ressaq proposta li ġiet issekondata mis-Sur Horace Gauci sabiex is-Sur Jordy Brincat jingħata il-massimu ta' 6% tal-performance bonus. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

Is-Sur Steven Grech ressaq proposta li giet issekondata mis-Sur Daniel Zerafa sabiex is-Sinjura Caroline Desira tinghata l-massimu ta' 6% tal-performance bonus. Il-mozzjoni ghaddiet unanimament.

Is-Sa. Janice Chetcuti ressqet proposta sabiex hekk kif propost is-Sinjura Joan Mifsud tinghata performance bonus ta' 6%. Il-Mozzjoni giet issekondata mis-Sur Horace Gauci u ghaddiet unanimament.

Is-Sur Hall f'isem l-amministrazzjoni, irringrazzja lil dawk prezenti.

**14/10 Sejhiet ghall-Offerti/Kwotazzjonijiet**

14/10/01 Is-Sur Duncan Hall informa lill-Kunsill Lokali illi wara l-bord mahtur mill-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' sejh ghall-offerti Numru MXLC05/2015 (Tender for the Maintenance of Traffic Signs & Roadmarkings) kien evalwa rapport tekniku li kien

gie mhejji mill-Perit Edric Micallef ( li kopja tieghu tinstab annessa u tifforma parti inn dawn il-minuti), kienet saret rakkomandazzjoni illi s-sejha in-kwistjoni tigi aggudikata lill-kumpanija KOPTASIN Ltd.

14/10/02 Is-Sur Horace Gauci qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u jaggudika s-sejha lil KOPTASIN Ltd. Is-Sur Steven Grech issekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti.

**14/11 Approvazzjoni ta' hlasijiet**

14/11/01 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma kienet qieghda tigi pprezentata ebda skeda ta' hlasijiet minhabba l-fatt illi kienet ghada kif giet proposta skeda ta' hlasijiet fis-seduta precedenti li kienet inzammet ftit granet biss qabel

**14/12 Approvazzjoni ta' petty cash**

14/02/01 Ma kienx hemm

**14/13 Approvazzjoni ta' works/purchase orders**

14/13/01 Ma kienx hemm

**14/14 Mozzjonijiet**

14/14/01 Ma kienx hemm

**14/15 Milied 2015**

14/15/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi kienu mexjin b'ritmu mghaggel il-preparamenti ghall-attivita' li kienet ser tittella' fi zmien il-Milied. Is-Sur Gauci zied jghid illi minkejja li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u s-Sa. Chetcuti ma kienx ser ikun Malta ghall-attivita' nfisha, l-kordinamenti kollha kienu ser isiru minn qabel sabiex ma jinqalghux problemi.

**14/16 Attivitajiet**

14/16/01 Ma kienx hemm

**14/17 Affarijiet ohra**

14/17/01 *Ikla tal-Milied*
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi wara li kienet iddiskutiet mas-Sindku, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet gabet stima sabiex issir l-ikla annwali ghall-kunsilliera u amministrazzjoni gewwa Al Ponte Bistro (Le Maritim Antonin & Spa).
Wara li nqraw id-dettalji tal-istima kien hemm qbil illi l-ikla kellha ssir fis-sit propost nhar it-28 ta' Dicembru 2015, fit-8:00p.m.

14/17/02 *Il-Kaz ta' Pierre Baldacchino*
Is-Sur Horace Gauci qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jkun solidali mal-familjari ta' Pierre Baldacchino, individwu Xlukkajr li kien gie mahtuf fil-Libja

waqt li kien qiegħed jaqdi dmirijietu. Kien hemm qbil unanimu illi minkejja l-fatt illi ma kien hemm xejn li l-Kunsill Lokali seta' jagħmel, l-istess Kunsill Lokali kien solidali mal-familja tas-Sur Baldacchino

14/17/03 *Certifikati lit-tfal tal-iskola*

Is-Sa. Janice Chetcuti qalet illi fl-opinjoni tagħha, il-Kunsill Lokali kellu jipprezenta certifikati lill-klassijiet tal-iskola primarja li kienu hadu sehem fil-progett "rigal lil Marsaxlokk" imniehdi mill-Kunsill Lokali.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sa. Chetcuti.

14/17/04 *Laqgħa annwali tal-lokalita'.*

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kien ircieva informazzjoni illi kien sar avviz ta' sgombru fuq it-torri Vendome liema post kien qieghed jigi propost li ssir il-laqgha annwali tal-lokalita fih u talab lill-Kunsill Lokali jiehu decizjoni fejn kellha ssir il-laqgha tal-lokalita' kemm il-darba l-imsemmi torri Vendome ma jkunx disponibbli. Gie stabbilit illi kemm il-darba ikun hemm problema sabiex il-laqgha ssir fit-torri Vendome, din kellha tinzamm gewwa s-sala Peter the Great li kienet tinstab fi Triq Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk.

08/17/05 *Triq il-Power Station*

Is-Sur Daniel Zerafa talab lill-Kunsill lokali jekk setax jinqata' haxix hazin u jinzabru sigar li kien hemm fi Triq il-Power Station.

Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kellha tigi evalwata l-possibilita' illi jsir l-imsemmi xoghol permezz ta' haddiema li l-Kunsill Lokali kellu assenjati mieghu. Dan minkejja li t-triq in-kwistjoni ma kenitx responsabilita' tal-Kunsill Lokali peress li kienet triq arterjali.

**14/18** **Aġġornament**

14/18/01 Is-Seduta spiccat fis-7:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar il-Gimgha 8 ta' Jannar 2016 fil-5:00p.m.

**Horace Gauci**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: 8/1/15